**28 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Anthony Borg

*versus*

Samuel Veneziani

**Kapitolu - Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta'**

*Konvenut li ma deher qatt quddiem l-Ewwel Qorti li kontra tiegħu saru kapitoli, appella fejn ipprova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Il-Qorti ta' l-Appell għamlet referenza għall-ġurisprudenza fis-sens illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-kawża ġusta biex il-parti ma tidhirx quddiem il-Qorti, għalkemm ikunu saru kapitoli kontra tagħha, għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu li minħabba f'dak l-impediment il-parti ma setgħetx tirrispondi għall-kapitoli li saru kontra tagħha.*

Il-Qorti:-

Fl-14 ta' April, 1997, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat is-segwenti sentenza li minnha appella l-konvenut:

"Il-Qorti:-

Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000), oltre l-imgħaxijiet rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta mill-konvenut fuq bejgħ tal-vettura tal-marka Mazda 323 numru ta' reġistrazzjoni D-0343;

Bl-ispejjeż inkluż dak tal-Mandat ta' Sekwestru, ippreżentata ma' l-avviż u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-avviż sad-data ta' l-eventwali ħlas - ilkoll kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat il-kapitoli ta' l-attur u l-atti l-oħrajn tal-kawża;

Billi l-konvenut ma deherx fl-udjenza tal-lum u lanqas f'dik tat-8 ta' April, 1997;

Tqis l-imsemmi kapitolu bħala mistqarra mill-konvenut;

U tilqa' t-talba. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut";

Dan hu l-aggravju ta' l-appellant:

"*Din il-kawża tirrigwarda ammont ta' elf lira Maltija* (Lm1,000), allegatament dovut mill-appellant lill-appellat rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar fuq bejgħ tal-vettura tal-marka Mazda 323 numru tar-reġistrazzjoni D-0343, liema vettura ma nxtratx mill-appellant mingħand l-appellat, iżda nxtrat minn terzi;

In vista tal-premess l-aggravju huwa ċar u manifestat u jikkonsisti fil-fatt illi l-appellat għamel it-talbiet tiegħu b'qerq, meta l-versjoni ta' l-appellat stess hija għal kollox mhux sostanzjata u fil-fehma ta' l-appellant lanqas tista' tkun sostenibbli";

Is-sentenza appellata ingħatat mhux biss fil-kontumaċja tal-konvenut li baqa' ma deher qatt quddiem l-Ewwel Qorti, *imma wara li hu naqas ukoll li jidher biex jikkontesta l-kapitolu* kontra tiegħu ppreżentat mill-attur, fis-seduta tat-8 ta' April, 1997, u li kien ġie approvat mill-Qorti. F'dak il-kapitolu l-attur iddikjara li permezz ta' ġurament ta' l-istess konvenut ried jipprova li huwa kien debitur fl-ammont kif jisemma' fl-avviż. Din iċ-ċirkostanza hi ħafna relevanti, għaliex ifisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellant li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret il-prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għar-raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-

ammissjoni - anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni - ta' l-istess konvenut. Dan neċessarjament iwassal għall-konklużjoni *illi* l-appellant mhux qiegħed jittanta li jappella fi proċeduri fejn hu *kien sempliċement kontumaċi u allura kien* biżżejjed għalih li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu biex jittratta l-appell tiegħu. L-appellant qiegħed fis-sitwazzjoni infeliċi fejn irid mhux biss jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, imma ukoll li jirribatti l-prova magħmula permezz tal-kapitolu li hu kien imsejjaħ biex jirrispondi;

"Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-kawża ġusta biex il-parti ma tidhirx quddiem il-Qorti, għalkemm ikunu saru kapitoli kontra tagħha, *għandha* tikkonsisti f'impediment leġittimu li minħabba f'dak l-*impediment il-parti ma* setgħetx tirrispondi għall-kapitoli li saru kontra tagħha" (ara sentenzi **Vella** *vs* **Rapa**, ta' l-10 ta' Jannar, 1868; **Zammit** *vs* **Gauci**, 14 ta' Marzu, 1925; **Farrugia** *vs* **Grech**, 23 ta' Jannar, 1923), insenjament li ġie ribadit f'sentenzi aktar reċenti (inklużi Appell - **Crane** *vs* **Gauci**, 4 ta' Settembru, 1942; **Mercieca** *vs* **Dimech**, 30 ta' Ottubru, 1942 u **Mercieca** *vs* **Mifsud**, 3 ta' Mejju, 1943) (Vol. XXXII, pt. I, p. 693);

Il-konvenut appellant f'din il-kawża la fir-rikors ta' l-appell tiegħu u lanqas f'ebda mument waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell ma ttanta jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jew in-nuqqas tiegħu li jidher meta msejjaħ in subizzjoni biex jirrispondi għall-kapitoli li l-attur għamel kontra tiegħu. Mhux illum allura f'posizzjoni li jikkontesta l-prova li saret permezz ta' l-istess kapitolu u l-appell tiegħu isir manifestament insostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-

appellant.

---